MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta ta' l-10 ta' Gunju, 2005

Citazzjoni Numru. 1033/1999/1

**SEA MALTA COMPANY LIMITED**

**vs**

**David KERR**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fil-5 ta' Mejju, 1999, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, il-kumpannija attriċi qegħda titlob li l-imħarrek iħallasha s-somma ta' elf sitt mija u sebgħa u disgħin lira Maltija (Lm 1697) bħala ħlas ta' avviż ta' temm ta' impieg mhux maħdum u rifużjoni ta' *study leave* wara li minn rajh temm l-impieg tiegħu minn magħha;

Rat in-Nota mressqa fl-10 ta' Marzu, 2000, li biha l-imħarrek eċċepixxa (a) in-nuqqas ta' interess tal-kumpannija attriċi għaliex huwa kien impjegat ma' Dipartiment tal-Gvern u mhux mal-kumpannija attriċi; (b) li

l-azzjoni attriċi waqgħet bil-preskrizzjoni ta' sena minn meta messha saret; (ċ) in-nuqqas ta' siwi tal-klawsoli li fuqhom il-kumpannija attriċi qegħda ssejjes it-talbiet tagħha; u (d) li huwa kellu kull jedd itemm minnufih l-impieg tiegħu minħabba l-mod kif imxiet miegħu l-kumpannija attriċi;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tal-21 ta' Novembru, 2001[1], li bih ħatret lill-Avukat Maria Dolores Gauċi bħala Assistent Ġudizzjarju biex tisma' x-xhieda tal-imħarrek, liema ħatra tħassret b'degriet ieħor tal-25 ta' Frar, 2004[2], wara li l-imħarrek baqa' għal dak iż-żmien kollu ma ressaqx ix-xhieda tiegħu minkejja l-għadd ta' seduti iffissati għal dak il-għan;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukat tal-kumpannija attriċi;

Rat id-degriet tagħha tat-2 ta' Novembru, 2004[3], li bih tat lill-imħarrek żmien biex iressaq Nota ta' Sottomissjonijiet;

Rat li l-imħarrek naqas li jressaq Nota ta' Sottomissjonijiet fiż-żmien lilu mogħti;

Rat id-degriet tagħha tal-11 ta' Jannar, 2005, li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza fin-nuqqas ta' xkiel;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-imħarrek fit-18 ta' Frar, 2005[4], bi tweġiba għas-sottomissjonijiet tal-kumpannija attriċi;

Rat id-degriet tagħha tal-1 ta' Marzu, 2005, fuq talba magħmula mill-kumpannija attriċi b'rikors tal-21 ta' Frar, 2005, li bih waqfet milli tgħaddi għall-għoti tas-sentenza biex isirulha aktar sottomissjonijiet min-naħa tal-partijiet;

Semgħet it-trattazzjoni ulterjuri tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

[1] Paġ. 83 tal-proċess
[2] Paġ. 107 tal-proċess
[3] Paġ. 109 tal-proċess
[4] Paġġ. 115-6 tal-proċess

Rat id-degriet tagħha tal-14 ta' April, 2005, li bih ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni dwar kumpens minħabba temm ta' kuntratt ta' impieg. L-attur kien impjegat tal-kumpannija attriċi għal żmien indefinit. Skond l-istess kumpannija attriċi, il-kundizzjonijiet tax-xogħol tiegħu kienu regolati minn ftehim kollettiv. Billi l-imħarrek irriżenja mill-impieg tiegħu u naqas li jaħdem iż-żmien tal-avviż, il-kumpannija attriċi qegħda tfittxu għall-ħlas ta' nofs il-paga li kien messu jieħu matul dak iż-żmien. Minbarra dan, qegħda titolbu jħallasha lura wkoll somma oħra minħabba li huwa kien ingħata żmien ta' frank biex imur jistudja, imma telaq mill-impieg bla ma wettaq il-kundizzjonijiet marbuta ma' dak iż-żmien ta' studju, jiġifieri li jibqa' fl-impieg magħha għal żmien ta' minn tal-anqas sentejn wara li jkun temm il-kors ta' studju;

Illi l-fatti ewlenin rilevanti li joħorġu mill-atti tal-kawża juru li l-imħarrek daħal jaħdem mal-kumpannija attriċi bħala inġinier kadett fl-1991. Ikkwalifika bħala uffiċjal inġinier f'Lulju tal-1994[5]. Huwa kien jaħdem abbord tal-bastimenti tal-kumpannija attriċi. Intbagħat għal kors fl-iskola nawtika fl-1997 minn fejn ikkwalifika bħala *second engineer* f'Lulju ta' dik l-istess sena. Matul iż-żmien ta' dak il-kors ta' studju, l-imħarrek kien ingħata *study leave.* Għall-ħabta ta' nofs Ġunju tal-1998, l-imħarrek kien talab u ngħata żmien ta' *leave* bħal ħlas għal tlitt xhur fuq parir mediku[6]. Wara li baqa' ma daħalx lura għax-xogħol, f'Ottubru tal-1998 reġa' talab u mill-ġdid ingħata tlitt xhur oħra *leave* bla ħlas, li kien jagħlaq fl-aħħar ta' dik is-sena. L-imħarrek irriżenja mill-impieg tiegħu mal-kumpannija attriċi f'Jannar tal-1999[7]. Il-kawża nfetħet f'Mejju tal-1999;

---

[5] Dok "C", f'paġ. 70 tal-proċess
[6] Dok "F", f'paġ. 73 tal-proċess
[7] Dok "D", f'paġ. 72 tal-proċess

Illi l-konsiderazzjonijiet legali marbutin mal-każ iduru fuq l-implikazzjonijiet tal-għażla tal-imħarrek li jtemm l-impieg tiegħu. Qabel xejn, madankollu, jidher xieraq li l-Qorti tqis l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet preliminari mqajmin mill-imħarrek. L-ewwel waħda hija li jonqos fil-kumpannija attriċi l-interess ġuridiku biex tmexxi 'l quddiem din il-kawża. It-tieni waħda hija li l-azzjoni attriċi waqgħet bil-preskrizzjoni ta' sena;

Illi l-imħarrek bena l-**ewwel eċċezzjoni tan-nuqqas ta' interess ġuridiku** fuq l-allegazzjoni li huwa kien impjegat mad-Dipartiment tal-Edukazzjoni fiż-żmien materjali tal-każ. Din l-eċċezzjoni ma tistax titqies ta' siwi. L-imħarrek naqas għal kollox li jsostni l-allegazzjoni tiegħu. Għall-kuntrarju, jidher li huwa kien impjegat mal-kumpannija attriċi żgur sa mill-1994. Minbarra dan, meta xeħet ir-riżenja tiegħu, iddikjara li kien qiegħed jagħmel dan minn mal-kumpannija attriċi u mhux minn ma' ħaddieħor. L-ittra nnifisha tar-riżenja intbagħtat lil superjur tiegħu fil-kumpannija attriċi. Għalhekk, il-kumpannija attriċi għandha l-interess li tressaq din il-kawża;

Illi dwar it-**tieni eċċezzjoni**, l-imħarrek jgħid li l-jedd tal-azzjoni waqa' għaliex għadda ż-żmien li fih il-kumpannija attriċi setgħet tiftaħ il-kawża. L-imħarrek jistrieħ fuq l-artikolu 2147 tal-Kodiċi Ċivili u d-dispożizzjonijiet tal-Kap 135. Lanqas din l-eċċezzjoni ma tidher mistħoqqa. Fl-ewwel lok, l-imħarrek ma wera bl-ebda mod kif jew taħt liema paragrafu tal-artikolu 2147 tista' titqiegħed l-azzjoni mressqa kontrih. Fit-tieni lok, lanqas jista' jingħad li (kien) hemm xi dispożizzjoni taħt il-Kapitolu 135 (li kien fis-seħħ meta ntemm l-impieg tal-imħarrek) li wieħed jista' japplikaha għall-azzjoni preżenti. Iż-żmien ta' sena preskritt fl-artikolu 43 tal-imsemmija liġi kien japplika għal proċedimenti għal reat. Il-kawża preżenti ma tistax titqies bħala proċediment ta' dik l-għamla. Jekk wieħed iqis ukoll li l-kawża nfetħet madwar ħames xhur wara li l-imħarrek temm l-impieg tiegħu, anqas u anqas jidher kif l-imħarrek invoka l-preskrizzjoni ta' sena. Għalhekk, il-Qorti sejra twarrab din l-eċċezzjoni wkoll;

Illi dwar il-mertu tal-kwestjoni jidher li f'dan il-każ hemm tliet (3) aspetti legali li jifformaw il-kontestazzjoni bejn il-patrijiet u li jmisshom jiġu mistħarrġa. L-ewwel hija dik dwar liema liġi kienet tħares l-impieg tal-imħarrek. It-tieni hija dik dwar in-nuqqas tal-imħarrek li jerġa' jidħol lura għax-xogħol wara li ntemm iż-żmien tal-*leave* mingħajr ħlas. It-tielet aspett huwa dwar jekk tiswiex fil-liġi l-kundizzjoni tal-ħlas lura ta' flus imħallsin lill-imħarrek waqt il-*leave* tal-istudju;

Illi **dwar l-ewwel aspett**, irid jingħad li dan il-punt tqanqal mill-għaref difensur tal-imħarrek waqt li kienet qegħda ssir it-trattazzjoni tal-għeluq. Huwa jtenni li l-kundizzjoni dwar l-għoti tal-avviż li kienet tagħmel parti mill-ftehim kollettiv tikser id-dispożizzjonijiet tal-liġi tal-impieg u għalhekk dik il-kundizzjoni ma tgħoddx. Huwa jqis li l-liġi li kienet tirregola l-impieg tiegħu kienet (dak iż-żmien) l-Att XI tal-1952. Il-kumpannija attriċi tgħid li l-impieg tal-imħarrek u kif ukoll il-ftehim kollettiv li fih il-kundizzjonijiet tal-impieg tiegħu ma kienx regolat taħt il-Kap 135 imma taħt l-Att XI tal-1973 (Kap 234) billi l-imħarrek kien jitqies bħala "baħri". Dan jindikah il-ftehim kollettiv innifsu[8] u kif ukoll l-ittra tal-ħatra tiegħu (liema dokument l-imħarrek iffirmah ukoll) li tirreferi għall-ħatra ta' "*seagoing officers*" skond Klawsola 10 tal-istess ftehim kollettiv. Fil-liġi[9], b'"baħri" wieħed jifhem kull persuna minbarra kaptan, bdot jew apprendist, impjegata jew imqabbda fi kwalunkwe kariga abbord ta' bastiment;

Illi, min-naħa l-oħra, il-Kap 135 fis-seħħ dak iż-żmien kien espressament jipprovdi li, għal dak li għandu x'jaqsam mat-**temm tal-impieg ta' baħrin impjegati fuq bastiment**, kellhom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-Att tal-1973 u mhux tal-istess Kap 135[10]. Mhux hekk biss, iżda l-liġi tipprovdi wkoll li fejn xi dispożizzjonijiet tal-Att tal-1973 ma jkunux jaqblu ma' dispożizzjonijiet tal-liġi tal-impieg, għandhom jgħoddu għall-baħrin id-dispożizzjonijiet tal-Liġi dwar il-Bastimenti Merkantili[11].

[8] Klawsola 63, f'paġ. 38 tal-proċess
[9] Art. 2 tal-Kap 234
[10] Ara art. 35 tal-Kap 135. Din ir-regola għadha fis-seħħ illum il-ġurnata wkoll fl-art. 39 tal-Kap 452 (li twessgħet ukoll biex tinkludi każijiet ta' *redundancies* u trasferiment ta' negozju)
[11] Ara wkoll P.A. RCP **12.12.2001** fil-kawżafl-ismijiet ***Sea Services Ltd. vs Paul Aquilina et***

F'dan ir-rigward, il-kundizzjonijiet tal-ingaġġ ta' baħrin huma mħarsa fit-Taqsima IV tal-Att tal-1973, u japplikaw għal kull bastiment reġistrat li jbaħħar[12]. Il-liġi tgħid ukoll li, minkejja kull dispożizzjoni ta' xi liġi oħra, il-kundizzjonijiet ta' servizz ta' persuni mpjegati fuq bastimenti Maltin jew ta' persuni Maltin impjegati fuq bastimenti barranin, huma stabiliti taħt l-istess Att[13];

Illi fil-każ tal-imħarrek jirriżulta li l-ħatra tiegħu fiż-żmien rilevanti kienet waħda li tikkwalifika bħala impieg regolat mill-Kap 234, u l-fatt li huwa seta' kien mitlub jagħti s-servizzi tiegħu fuq aktar minn bastiment wieħed ma jidhirx li kienet tibdel in-natura essenzjali tal-għamla ta' ingaġġ tiegħu mal-kumpannija attriċi;

Illi, **dwar it-tieni aspett**, ladarba ġie stabilit li l-kuntratt tal-impieg tal-imħarrek kien wieħed imħares bid-dispożizzjonijiet tal-liġi tal-Bastimenti Merkantili, l-effetti tal-għażla tiegħu li jtemm dak l-impieg iridu jitqiesu wkoll fid-dawl tal-istess liġi. Fil-każ tal-imħarrek, l-impieg tiegħu kien regolat bi ftehim kollettiv. Fil-liġi, il-kundizzjonijiet preskritti fi ftehim kollettiv huma l-kundizzjonijiet magħrufin tal-impieg għall-impjegati interessati[14]. Sakemm dak li jkun maqbul fi ftehim bħal dan ma jmurx kontra xi dispożizzjoni tal-liġi, dak il-ftehim ikun il-liġi tal-kuntratt tal-impieg tal-persuni milqutin bih. Fil-każ tal-imħarrek, il-klawsola li tirregola t-temm tal-impieg b'riżenja tal-impjegat[15] li jagħżel li ma jaħdimx iż-żmien tal-avviż ma ntwera bl-ebda mod li tmur kontra xi regola stabilita fl-Att jew f'xi Regolament maħruġ taħtu mill-Ministru. Għalhekk, minn dan l-aspett, it-talba attriċi tidher mistħoqqa. Dwar kemm kienet il-paga tal-imħarrek fiż-żmien li għażel li jirriżenja ma hemm l-ebda kontestazzjoni, lanqas min-naħa tal-imħarrek;

Illi **t-tielet aspett legali** mqanqal mill-imħarrek jirrigwarda s-siwi tal-klawsola tal-ftehim kollettiv li tirregola l-*leave* għall-istudju[16]. Dik il-klawsola trid li jekk impjegat tal-

[12] Art. 204 tal-Kap 234
[13] Art. 122C(1) tal-Kap 234
[14] Art. 5(1) tal-Kap 452 (qabel, art. 10(1) tal-Kap 135)
[15] Klawsola 18 tal-Ftehim Kollettiv, f'paġ. 42 tal-proċess
[16] Klawsola 38 tal-Ftehim Kollettiv, b'mod partikolari l-par. (vii)(b) tagħha, f'paġ. 49 tal-proċess

kumpannija jonqos li jibqa' jaħdem magħha għal żmien ta' anqas minn sentejn wara li jkun temm kors ta' studju li tiegħu jkun ingħata l-*leave*, tali impjegat ikun irid irodd lura l-ħlas ta' kull *allowance* li l-kumpannija tkun tatu matul dak iż-żmien. Fil-każ preżenti, ma hemm l-ebda dubju li l-imħarrek ressaq ir-riżenja tiegħu mill-impieg qabel ma kienu għaddew sentejn minn meta għamel il-kors lik bis-saħħa tiegħu kien sar *second engineer*, jiġifieri f'Lulju tal-1997. Fil-fatt jirriżulta li l-imħarrek effettivament ħadem ftit anqas minn sena wara li ntemm il-kors. Il-kwestjoni dibattuta bejn il-partijiet hija dwar jekk dik il-kundizzjoni hijiex permessa mil-liġi. L-imħarrek jgħid li dik il-kundizzjoni ma tiswiex għaliex hija waħda irraġonevoli, billi ma tipprovdix għal tnaqqis "*a scaletta*" (jiġifieri *pro rata*) tal-ammont li jrid jintradd lura għax ma tiħux qies ta' kemm l-impjegat ikun baqa' jaħdem mal-kumpannija wara li jkun intemm il-kors ta' studju;

Illi, għalkemm il-Qorti tifhem sewwa x'irid jgħid l-imħarrek, ma tasalx biex taqbel miegħu li, b'daqshekk, il-klawsola ma tistax tiġi eżegwita jew li hija nulla. Ma hemm xejn irraġonevoli li l-prinċipal li jkun daħal fi spejjeż biex iħarreġ u jrawwem impjegat tiegħu jistenna li dak l-investiment jissarraf f'ammont ta' servizz mogħti mill-impjegat wara li jkun hekk imħarreġ. Il-mira tal-klawsola hija dik li tħares l-interessi patrimonjali tal-kumpannija attriċi, u fl-istess waqt tħares lill-impjegat billi ma tħallihx marbut magħha għal żmien li ma jagħlaq qatt. Il-klawsola setgħet titqies irraġonevoli kieku kienet miftuħa għal żmien indefinit[17], jew jekk l-ammont ikun wieħed sproporzjonat[18], jew tmur kontra l-ordni pubbliku[19]. F'dan il-każ, mhux talli s-"sanzjoni" kienet waħda limitata għall-*allowance* li l-imħarrek irċieva waqt li kien fuq *leave* ta' studju, talli t-talba attriċi taħt dan il-kap lanqas inkludiet talba għall-ħlas lura tal-ispejjeż tal-kors innifsu;

---

[17] Ara, P.A. PS **31.1.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Attilio Vassallo Cesareo noe vs Anthony Cilia Pisani***

[18] Ara, App. Kumm. **15.12.1961** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmelo Żammit LaRosa vs Franco Facchetti*** (Kollez. Vol: **XLV.i.426**) u P.A. MCC **31.7.1969** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Xerri noe vs Brian Clarke*** (mhix pubblikata)

[19] Ara, per eżempju, P.A. JSP **5.10.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Paul Pisani noe vs Ruben Vella Bray*** (mhix pubblikata)

Illi dan kollu kien mgħarraf minn qabel lill-imħarrek, li għażel li jieħu t-triq li jtemm l-impieg tiegħu meta deherlu hu. Il-jedd tiegħu li jtemm dak l-impieg kien suġġett għall-kundizzjonijiet maqbula u viġenti fil-ftehim kollettiv, liema kundizzjonijiet ma jistgħux jitqiesu bħala kuntrarji għal-liġi jew għall-ekwita';

Illi hawn ukoll, ingħatat tifsira ċara ta' kif il-kumpannija attriċi waslet biex tillikwida t-talba tagħha taħt din il-kawżali[20]

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

**Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha** tal-imħarrek bħala m'hux mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt;

**Tilqa' t-talbiet attriċi,** u filwaqt li tiddikjara li l-mod kif l-imħarrek telaq mill-impieg minn mal-kumpannija attriċi kien jikser id-dispożizzjonijiet tal-Klawsoli 18 u 38 tal-ftehim kollettiv li jirregola l-impieg tiegħu, tikkundanna lill-istess imħarrek li jħallas lill-kumpannija attriċi s-somma ta' elf sitt mija u sebgħa u disgħin lira Maltija (Lm 1697), rappreżentanti inkwantu għal seba' mitt lira Maltija (Lm 700) s-somma ta' nofs il-paga li kien jieħu tul iż-żmien tal-avviż li huwa ma ħadimx, u kwantu disa' mija u sebgħa u disgħin lira Maltija (Lm 997) rappreżentanti l-ħlas lura ta' *study leave allowance*; u

**Tikkundanna** lill-imħarrek iħallas ukoll l-ispejjeż tal-kawża, flimkien mal-imgħaxijiet legali fuq is-somma msemmija, b'effett mit-3 ta' Marzu, 2000, sal-jum tal-ħlas effettiv.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

[20] Ara affidavit ta' Charles Żammit 14.6.2000, f'paġ. 27 tal-proċess

---------------------------------TMIEM---------------------------------